**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020**

P9_TA(2020)0235

## Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Mozambique

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2020 dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Mozambique (2020/2784(RSP))**

(2021/C 385/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u l-protokolli internazzjonali kontra t-terroriżmu;

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar is-Sitwazzjoni fil-Mozambique, tal-10 ta' Settembru 2020 [1], tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-OCHA, tad-29 ta' Ġunju 2020 dwar is-Sitwazzjoni fil-Mozambique,

— wara li kkunsidra l-opinjoni dwar il-Mozambique adottata fl-okkażjoni tas-87 sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja (UNWGAD) tal-1 ta' Mejju 2020,

— wara li kkunsidra r-rapporti dwar il-Mozambique tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eżami Perjodiku Universali, tat-12 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-10 ta' Diċembru 1984, u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 2002,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mozambique tat-22 ta' April 2020,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Marzu 2020, intitolata "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika" (JOIN(2020)0004),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2019: il-Mozambique,

— wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali tal-UE għall-Mozambique u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp 2014-2020,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea (MOE tal-UE) fil-Mozambique dwar l-elezzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali u Provinċjali tal-15 ta' Ottubru 2019,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou,

[1] https://reliefweb.int/report/mozambique/mozambique-situation-report-10-september-2020

— wara li kkunsidra t-28 Djalogu Politiku bejn l-UE u l-Mozambique tal-5 ta' Ġunju 2020,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u l-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Mozambique u dwar ir-reġjun tal-SADC,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Ġunju 2020 tal-Kopresident tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE;

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidral-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Unità Afrikana dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu,

— wara li kkunsidra l-prinċipji li fuqhom hi msejsa l-SADC;

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-SADC, tas-17 ta' Awwissu 2020, dwar il-Mozambique,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni Nazzjonali tal-2019,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minn Ottubru 2017 l-hekk imsejjaħ grupp terroristiku Al-Shabaab, allegatament affiljat mal-grupp armat li jsejjaħ lilu nnifsu l-Istat Iżlamiku tal-Provinċja tal-Afrika Ċentrali, għamel aktar minn 500 attakk vjolenti fil-provinċja tat-Tramuntana ta' Cabo Delgado, u tterrorizza lill-popolazzjoni lokali, qatel aktar minn 1 500 ruħ u b'hekk ġiegħel l-ispostament ta' 250 000 abitant u ħalla 700 000 persuna fil-bżonn ta' assistenza;

B. billi l-attakki terroristiċi saru dejjem aktar vjolenti u li bosta villaġġi sfaw attakkati, bil-ħruq u l-qerda ta' aktar minn 1 000 dar; billi, skont ir-rapporti, il-militanti bdew jissekwestraw lin-nisa u lill-bniet;

C. billi f'Awwissu l-gruppi ġiħadisti ħadu taħt idejhom il-belt portwarja ta' Mocimboa da Praia, port essenzjali biex jaġevola l-isfruttament taż-żejt u tal-gass naturali likwifikat (LNG); billi l-ħakma fit-tul ta' Al-Shabaab fuq il-belt tagħti x'tifhem li l-grupp terroristiku qiegħed isir aktar b'saħħtu u sofistikat;

D. billi r-ribelli Iżlamiċi jirrikorru dejjem aktar spiss għall-kummerċ illegali ta' drogi bħala sors ta' finanzjament;

E. billi l-Mozambique ma għandux storja ta' militanza Iżlamista; billi madwar 30 % tal-31 miljun abitant tal-Mozambique huma Kattoliċi, filwaqt li 18 % huma Musulmani u żewġ provinċji biss, Cabo Delgado u Niassa, għandhom maġġoranza Musulmana;

F. billi l-azzjonijiet militari tal-awtoritajiet tal-Mozambique ma kinux biżżejjed biex iwaqqfu l-attakki u jippermettu li tiġi indirizzata din l-emerġenza umanitarja, li qiegħda sejra għall-agħar b'ritmu allarmanti;

G. billi l-forzi ta' sigurtà tal-gvern tal-Mozambique rreaġixxew bi vjolenza sproporzjonata, u f'xi okkażjonijiet kisru l-impenji internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-President tal-Mozambique Filipe Nyusi rrikonoxxa "vjolazzjonijiet involontarji" tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-awtoritajiet ta' Cabo Delgado; billi ġew irrapportati episodji ta' repressjoni tal-libertà tal-espressjoni, kif ukoll vessazzjonijiet fil-konfront ta' ġurnalisti;

H. billi l-armata tal-Mozambique hija mgħammra ħażin biex issib tarf il-mewġa ta' terroriżmu fir-reġjun; billi jippersistu l-biżgħat leġittimi li r-ribelljoni tinfirex fil-pajjiżi ġirien u tiddestabbilizza r-reġjun;

I. billi aktar minn nofs il-vittmi tal-vjolenza f'Cabo Delgado huma tfal; billi kien hemm akkużi ta' reklutaġġ ta' tfal fi gruppi armati, ħtif u vjolenza sesswali u tal-ġeneru fil-konfront ta' nisa u bniet; billi l-popolazzjoni spiss tittieħed bħala ostaġġ matul il-ġlied bejn il-gruppi armati u l-forzi militari statali;

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020**

J. billi l-Mozambique għandu l-obbligu li jirrispetta l-istandards fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali permezz tal-konvenzjonijiet internazzjonali li rratifika, b'mod partikolari fiċ-ċentri ta' detenzjoni tiegħu; billi wara l-atti barbari attribwiti lil Al-Shabaab ma għandhomx isegwu vjolazzjonijiet ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-forzi ta' sigurtà tal-Mozambique;

K. billi l-Aġenzija għall-Iżvilupp Integrat tat-Tramuntana (Agencia de desenvolvimento integrado do norte, ADIN) inħolqot f'Marzu 2020 bil-għan speċifiku li tindirizza n-nuqqasijiet soċjoekonomiċi tat-Tramuntana tal-pajjiż;

L. billi f'Awwissu 2019 ġie ffirmat Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni Nazzjonali bil-għan li jġib il-paċi fil-pajjiż, itemm il-vjolenza, jikseb l-inklużjoni demokratika u jtejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ċivili;

M. billi l-Mozambique għadu f'sitwazzjoni fraġli ħafna u qed jitħabat biex ilaħħaq ma' bosta sfidi tas-sigurtà, ekonomiċi u soċjali; billi l-Mozambique huwa fost l-ifqar pajjiżi u l-anqas żviluppati, u jikklassifika l-180 post minn 189 fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem, bil-medja tal-istennija ta' tul tal-ħajja fit-twelid tkun 58 sena biss; billi aktar minn 10 miljun abitant tal-Mozambique jgħixu f'faqar estrem u f'insigurtà tal-ikel; billi din is-sitwazzjoni taffettwa b'mod partikolari lin-nisa u lill-gruppi vulnerabbli, li jgħaddu mill-akbar diffikultajiet;

N. billi l-COVID-19 esponiet aktar il-fraġilitajiet tal-ekonomija reġjonali, li, fin-nuqqas ta' protezzjoni soċjali adegwata, ħalliet miljuni ta' persuni impjegati fl-ekonomija informali u dawk li tilfu l-impjieg tagħhom qed jiffaċċjaw il-ġuħ u d-destituzzjoni, u jinsabu esposti għal vulnerabbiltajiet, inkluż f'xi każijiet abbużi tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem; billi mid-9 ta' Settembru 2020 lil hawn, il-Mozambique rreġistra total ta' aktar minn 4 500 każ ikkonfermat ta' COVID-19 u 27 mewta fil-11-il provinċja tal-pajjiż;

O. billi f'dawn l-aħħar snin, il-Mozambique esperjenza diżastri naturali devastanti relatati mal-klima, inklużi żewġ ċikluni ewlenin fl-2019, li intensifikaw il-livelli ta' faqar u nuqqas ta' sigurtà li kienu diġà għoljin; billi diżastri bħal dawn wasslu għal insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni kronika mifruxa f'partijiet tal-pajjiż, b'aktar minn 43 fil-mija tat-tfal taħt l-età ta' ħames snin isofru minn rata baxxa ta' żvilupp; billi fl-2020 huwa stmat li total ta' 7,9 miljun ruħ jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti;

P. billi s-solidarjetà fil-Mozambique qed tikber, bil-qagħda mwiegħra tan-nies f'Cabo Delgado tiġbed attenzjoni partikolari, li wasslet liż-żgħażagħ fil-Mozambique, b'mod partikolari, iniedu Kampanja Nazzjonali ta' Solidarjetà għal Cabo Delgado bil-hashtag #CaboDelgadoTambénÉMocambique (Cabo Delgado huwa wkoll il-Mozambique) biex titqajjem kuxjenza dwar is-sitwazzjoni traġika fir-reġjun;

Q. billi fl-2010 u fl-2013 ġew skoperti riżervi kbar ta' gass fil-Mozambique: billi dawn ir-riżervi jinkludu madwar 5 000 biljun metru kubu, id-disa' l-akbar riżerva ta' gass fid-dinja; billi dan potenzjalment iqiegħed lill-Mozambique fost l-akbar erba' produtturi tal-LNG fid-dinja; billi huwa mistenni li mill-inqas se jiġu investiti USD 60 biljun matul il-ftit snin li ġejjin biex jiġu sfruttati dawn ir-riżervi, l-akbar investimenti li qatt saru fl-Afrika sub-Saħarjana;

R. billi l-interessi industrijali u ekonomiċi Ewropej u barranin l-oħra kollha fil-Mozambique għandhom jitwettqu totalment skont il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; billi l-Kummissjoni qed tikkunsidra impenji ta' diliġenza dovuta obbligatorja biex tiżgura li l-investituri tal-UE u dawk involuti fl-industriji tal-estrazzjoni jaġixxu b'mod responsabbli u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali f'pajjiżi bħall-Mozambique;

S. billi l-Mozambique u, b'mod partikolari, ir-reġjun ta' Cabo Delgado, filwaqt li juru l-ogħla rati ta' illitteriżmu, inugwaljanza u malnutrizzjoni tat-tfal, huma għonja fir-riżorsi naturali u l-materja prima, fatt li attira l-investiment minn bosta kumpaniji internazzjonali u tal-UE li qed jikkompetu għall-aċċess għas-suq tar-riżorsi naturali; billi, skont xi rapporti, id-dħul mir-riżorsi naturali tqassam b'mod diżomoġenju fil-Mozambique;

T. billi fit-13 ta' April 2020, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) approva ħelsien immedjat mis-servizzi tad-dejn lil 25 pajjiż, inkluż madwar USD 309 miljun lill-Mozambique taħt il-Fond Fiduċjarju ta' Għajnuna u għat-Trażżin ta' Katastrofi (Catastrophe Containment and Relief Trust – CCRT) biex jgħin ħalli jiġi indirizzat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19;

U. billi fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Koordinatur Umanitarju tan-NU għall-Mozambique, Myrta Kaulard, appellat lill-komunità internazzjonali biex iżżid l-appoġġ tagħha lill-Mozambique;

V. billi l-Unjoni Ewropea wieġħdet EUR 200 miljun f'appoġġ għall-irkupru għall-Mozambique wara ċ-ċikluni tal-2019, segwiti b'EUR 110 miljun f'appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-COVID-19;

W. billi l-istrateġija reġjonali tal-SADC tal-2015 kontra t-terroriżmu, li ġiet żviluppata f'konformità mal-istrateġija globali tan-NU kontra t-terroriżmu, tipprevedi assistenza fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ, is-sigurtà tal-fruntieri, l-għajnuna umanitarja u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tat-terroriżmu;

X. billi l-Mozambique bħalissa għandu l-presidenza b'rotazzjoni tal-SADC; billi matul l-40 Summit tagħha tas-17 ta' Awwissu 2020, l-organizzazzjoni reġjonali faħħret lill-pajjiż għall-isforzi kontinwi tiegħu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-attakki vjolenti, u esprimiet is-solidarjetà u l-impenn tal-SADC bl-appoġġ lill-Mozambique biex jindirizza t-terroriżmu u l-attakki vjolenti, u kkundannat l-atti kollha ta' terroriżmu u attakki armati;

Y. billi f'April 2020, kemm id-Delegazzjoni tal-UE fil-Mozambique kif ukoll il-Kunsill qajmu tħassib serju dwar l-attakki f'Cabo Delgado u l-eskalazzjoni tal-vjolenza kontra ċ-ċivili;

Z. billi minkejja l-brutalità u t-telf orribbli ta' ħajjiet, is-sitwazzjoni f'Cabo Delgado naqset milli tattira l-attenzjoni internazzjonali, li jfisser li ntilef żmien prezzjuż biex il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv fi stadju aktar bikri;

1. Jiddikjara t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fit-Tramuntana tal-Mozambique, b'mod partikolari fil-Provinċja ta' Cabo Delgado, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi tal-vjolenza, li jammontaw għal aktar minn 1 500; jesprimi s-solidarjetà u l-appoġġ tiegħu lill-poplu tiegħu, speċjalment lil aktar minn 250 000 persuna li kellhom jaħarbu minn djarhom;

2. Jenfasizza li l-problemi attwali ta' sigurtà jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni umanitarja diġà estremament fraġli li tirriżulta minn livelli għoljin ta' sottożvilupp, xokkijiet klimatiċi u kunflitti;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Mozambique jieħdu azzjoni effettiva u deċiżiva fil-ġlieda kontra r-ribelljoni Iżlamika u jipproteġu liċ-ċittadini kollha ta' Cabo Delgado; jesprimi tħassib serju li r-ribelljoni qed tikseb appoġġ dejjem akbar fost l-organizzazzjonijiet terroristiċi reġjonali u internazzjonali; jindika, f'dan il-kuntest, ix-xebh sfortunat ma' reġjuni oħra, bħas-Saħel u l-Qarn tal-Afrika;

4. Jenfasizza li jekk ma titwaqqafx, ir-ribelljoni potenzjalment se tikber u tinfirex fil-pajjiżi ġirien, u dan jhedded l-istabbiltà reġjonali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal politika effettiva u sostenibbli kemm mill-gvern nazzjonali kif ukoll mill-atturi reġjonali u internazzjonali;

5. Ifakkar lill-Gvern tal-Mozambique fir-responsabbiltà tiegħu li jressaq lil dawk kollha suspettati b'attività terroristika quddiem il-ġustizzja permezz ta' proċessi ġusti; jistieden lill-Gvern tal-Mozambique jniedi investigazzjoni indipendenti u imparzjali dwar it-tortura u ksur gravi ieħor allegatament imwettaq mill-forzi tas-sigurtà tiegħu f'Cabo Delgado; ifakkar li l-Mozambique huwa firmatarju tal-ICCPR, tal-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura, li jipprojbixxu t-tortura u trattament ħażin ieħor u l-privazzjoni arbitrarja tal-ħajja;

6. Jissottolinja l-importanza li jiġu protetti d-drittijiet tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-attivisti u ta' dawk kollha li sempliċement jeżerċitaw id-drittijiet tal-bniedem tagħhom u jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' tħassib pubbliku; jistieden lill-awtoritajiet tal-Mozambique jwettqu investigazzjoni imparzjali dwar il-każijiet suspettati kollha ta' vandaliżmu tal-organi li jwasslu l-aħbarijiet, it-trażżin tal-libertà tal-espressjoni u l-akkużi relatati mal-vessazzjonijiet u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti;

7. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Mozambique jiżguraw il-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza lokali effettiva u l-istabbiliment mill-ġdid effettiv tal-istat tad-dritt fit-Tramuntana tal-Mozambique; ifakkar li l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u r-rispett għal-libertajiet demokratiċi huma kruċjali wkoll għas-suċċess tal-Ftehim ta' Paċi definittiv iffirmat fl-2019 bejn il-Front għal-Liberazzjoni tal-Mozambique (Frelimo) u r-Reżistenza Nazzjonali tal-Mozambique (Renamo);

**Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020**

8. Jissottolinja l-importanza li jitkomplew ir-riformi meħtieġa sabiex jirrispondu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tal-poplu tal-Mozambique, u b'ħekk ma jitħallewx ikunu miri vulnerabbli tar-radikalizzazzjoni; jissottolinja b'mod partikolari l-ħtieġa urġenti li jinħolqu impjiegi u opportunitajiet għan-nies f'Cabo Delgado, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li ssir ħidma lejn l-eliminazzjoni ta' wħud mill-kawżi ewlenin tat-terroriżmu bħan-nuqqas ta' sigurtà, il-faqar, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-inugwaljanza, l-esklużjoni, il-qgħad, id-degradazzjoni ambjentali, il-korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi kif ukoll l-impunità, li b'ħekk tikkontribwixxi immens għall-qerda tal-organizzazzjonijiet terroristiċi;

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-intervent militari kollu fir-reġjun jipproteġi, jirrispetta u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Mozambique jappoġġaw u jaħdmu ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi bbażati fil-komunità biex jintroduċu pjattaformi għal inizjattivi għall-bini tal-paċi li jinkoraġġixxu l-involviment paċifiku, id-djalogu, ir-rikonċiljazzjoni u l-koeżistenza fost il-partijiet ikkonċernati kollha; jiddeplora l-użu tal-forzi tas-sigurtà privati f'dan il-kunflitt, li jkomplu jgħollu l-ispiża monetarja għall-pajjiż u joperaw mingħajr ebda sorveljanza internazzjonali;

10. Jinnota bi tħassib is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora tal-persuni spostati internament (IDP) fil-Mozambique; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu mill-qrib mal-SADC u l-istati membri tagħha ħalli jsolvu l-kriżi umanitarja li sejra għall-agħar fir-reġjun u jfasslu pjan ta' azzjoni effettiv;

11. Jistieden lill-Gvern tal-Mozambique jikkoopera b'mod miftuħ ma' istituzzjonijiet internazzjonali bħar-Rapporteurs Speċjali tan-NU, u jippermetti investigaturi u osservaturi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, u janalizza ġustament il-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjoni f'Cabo Delgado sabiex jipprovdilhom l-għajnuna meħtieġa; jemmen, barra minn hekk, li l-vittmi tal-vjolenza jridu jiġu protetti permezz ta' pjan ta' għajnuna sabiex ikunu jistgħu jkomplu b'ħajjithom;

12. Jemmen li hemm bżonn ta' sforz reġjonali u internazzjonali aktar ikkoordinat sabiex ikun hemm rispons għall-kriżijiet tas-sigurtà u umanitarji imminenti f'Cabo Delgado, inkluż il-bżonn li jiġi indirizzat theddid transfruntier bħar-ribelljoni terroristika, is-sigurtà tal-ikel, l-IDP u l-kuntrabandu; jistieden, għalhekk, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jestendi l-appoġġ addizzjonali għall-SADC u l-Unjoni Afrikana (UA), sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema u paċifika;

13. Jirrimarka li l-Organu għall-Politika, id-Difiża u l-Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sigurtà (OPDS) tal-SADC, bl-unità tal-ġlied multinazzjonali tiegħu għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet serji ta' kontra r-ribelljoni, għandu jkun attur attiv importanti għall-ġestjoni ta' dan il-kunflitt u għandu jikkundannah fi żmien qasir, filwaqt li jħeġġeġ u jappoġġa lill-awtoritajiet tal-Mozambique għal perjodu ta' żmien twil fl-implimentazzjoni ta' riformi ulterjuri li għandhom l-għan li jippromwovu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-istat tad-dritt, li jirrappreżentaw prerekwiżit għall-istabbiltà, il-paċi u l-iżvilupp;

14. Itenni li l-UE hija lesta tidħol fi djalogu mal-Mozambique biex tiddetermina għażliet effettivi għall-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE, filwaqt li tqis il-karattru kumpless u reġjonali tas-sitwazzjoni, u jistieden lill-Gvern tal-Mozambique jkun aktar reattiv f'dan id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-UE u mal-SADC; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Mozambique u l-livelli kollha tas-soċjetà ċivili fi sforz biex tinstab soluzzjoni inklużiva u biex jiġu indirizzati b'mod urġenti l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli;

15. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Josep Borrell, u lill-Istati Membri tal-UE jkomplu jsegwu s-sitwazzjoni mill-qrib u jżidu l-appoġġ tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali; jilqa', fid-dawl ta' dan kollu, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2020, iżda jinsisti li għandha tiġi stabbilita azzjoni diplomatika ulterjuri, partikolarment minn dawk l-Istati Membri li jikkondividu rabtiet storiċi u amikevoli mal-pajjiż, sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal azzjoni urġenti dwar din il-kwistjoni bid-dimensjonijiet reġjonali u umanitarji tagħha u tinġibed l-attenzjoni tal-gvern għall-konsegwenzi ġeopolitiċi li se jirriżultaw min-nuqqas ta' rispons reġjonali u internazzjonali kkoordinat;

16. Jesprimi t-tama tiegħu li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Afrika, ladarba tkun fis-seħħ b'mod effettiv, se tgħin biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Afrika abbażi ta' sħubija bejn partijiet ugwali fil-kontinent kollu, u li t-tnejn li huma se jaħdmu flimkien biex itejbu s-sitwazzjoni ekonomika, soċjali, tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi bħall-Mozambique;

17. Iqis li l-iżviluppi attwali fil-Mozambique u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tiegħu se jiġu indirizzati kif xieraq fil-politika tal-UE għall-Afrika fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021 li jmiss; jissottolinja li, meta spiss tkun mifnija mill-għargħar u minn diżastri naturali oħra, il-popolazzjoni tal-Mozambique għandha tirċievi l-appoġġ u l-għajnuna umanitarja kollha disponibbli;

18. Jemmen li s-Summit UE-Afrika li jmiss huwa opportunità eċċellenti biex tiġi indirizzata aħjar il-kwistjoni ta' din it-traġedja umanitarja u biex l-UE żżid l-appoġġ tagħha għall-organizzazzjonijiet reġjonali u kontinentali;

19. Ifakkar fl-impenji ta' għajnuna internazzjonali li saru waqt il-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi li saret f'Beira, fit-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2019, li matulha l-Unjoni Ewropea wieġħdet EUR 200 miljun f'appoġġ għall-irkupru; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jwettqu bis-sħiħ dawn l-impenji; jirrimarka li l-irkupru fit-tul jista' jinkiseb biss permezz ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv; jitlob, għalhekk, li tingħata assistenza mill-UE biex tappoġġa l-isforzi tal-Mozambique ħalli jistabbilizza l-ekonomija tiegħu, joħloq l-impjiegi u jrawwem il-kompetittività rurali, filwaqt li jiżgura l-inklużività u l-preservazzjoni tal-ambjent;

20. Jilqa' s-CCRT tal-FMI bħala pass fid-direzzjoni t-tajba fl-assistenza lill-Mozambique fil-ġlieda kontra l-konsegwenzi ekonomiċi tal-COVID-19; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jipprovdu aktar donazzjonijiet lill-FMI, u biex il-FMI jesplora aktar alternattivi ħalli jagħti spinta lir-riżorsi disponibbli għas-CCRT, bħall-użu tar-riżervi eżistenti tiegħu stess; ifakkar li l-kontribuzzjonijiet għall-fond ma jridu bl-ebda mod jiffunzjonaw bħala sostitut għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA);

21. Iqis li huwa ta' importanza kbira li l-popolazzjoni lokali, b'mod partikolari fl-ifqar provinċji tal-pajjiż, tibbenefika mill-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħhom; jistieden lill-gvern jalloka b'mod ġust id-dħul minn proġetti ta' sfruttament għal proġetti ta' żvilupp lokali filwaqt li jirrispetta standards ambjentali u soċjali għoljin;

22. Ifakkar li l-poplu tal-Mozambique, kemm ta' twemmin Kristjan kif ukoll ta' twemmin Musulman, ilu jgħix f'koeżistenza paċifika għal żmien twil, u jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li dan il-mudell ta' tolleranza u solidarjetà se jieħu preċedenza minkejja l-attakki minn terroristi Iżlamiċi;

23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-edukazzjoni u jitrawwem l-iżvilupp rurali biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ f'żoni rurali;

24. Jaqgħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Mozambique, u lill-membri u lill-mexxejja tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika u lill-Unjoni Afrikana.